**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 1 ta' Marzu, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**-vs-**

**AL KHADUR Fadi, detentur tal-Karta tal-Identita` Ungeriża numru 018350BK;**

**NAJAR Ghyas, detentur tal-Karta tal-Identita` Maltija numru 157152A;**

**AL MAALOUL Abdulkhader, detentur tal-Karta tal-Identita` Maltija numru 124606A;**

**ALGHAZI Abdallah, bin detentur tal-Karta tal-Identita` Maltija numru 119989A**

*Kumpilazzjoni Numru 350/2017*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Al Khadur Fadi, Najar Ghyas, Al Maaloul Abdulkhader u Alghazi Abdallah, u ċioè talli:

1. Fit-3 ta' Lulju, 2017, għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' bil-lejl (22:30 hrs) fil-Pjazza ta' Buġibba, San Pawl il-Bahar, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunaw offiża gravi fuq il-persuna ta' Helmi Abduraoof Sadeg detentur ta' passaport Libjan numru

418722, skont kif iċċertifikat t-Tabiba Tracy Lee Vidal MD (numru tar-Reg. Med. 3072), miċ-ċentru tas-Saħħa Mosta, ai termini tal-Artikoli **214 u 218** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-ħajja ta' ħaddieħħor f'periklu ċar, ikkaġunaw offiża hafifa fuq il-persuna ta' Abdullatif Mabruk Abubaker detentur tal-Karta tal-Identita' numru 119237A, skont kif iċċertifikat t-Tabiba Natasha Psaila MD (numru tar-Reg. Med. 3210), fiċ-Ċentru tas-Saħħa Floriana, ai termini tal-Artikoli **214 u 221** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kissru l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, ai termini tal-Artikolu **338(dd)** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli **532A, 532B u 533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tallum, l-imputati rregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hajta ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk riedu setghu jergaw lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hati tal-akkuzi l-kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi rigward il-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, tal-fatt li l-partijiet lezi lkoll iddikjaraw li huma haffru lill-imputati u li ma kellhom l-ebda interess li dan il-proceduri jissoktaw meta kien biss wara ordni ta-qorti li dawn sussegwentement taw ix-xhieda taghhom. Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputati kollha ghajr ghal Al Maaloul ghandhom fedina penali netta filwaqt li dik ta' Maaloul ma tohloq l-ebda preokkupazzjoni ghall-qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 218, 221 u 338(dd) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputati taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk jonqsu milli jsegwu ordnijiet moghtija lilhom mill-Ufficjal tal-Probation.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**